MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 603/2016 LM

**Adrian Galea (K.I. 239373M)**

***vs.***

**David Balzan (K.I. 495982M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-20 ta' Lulju, 2016 mill-attur **Adrian Galea** (K.I. 239373M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fil-25 ta' Mejju 2012, għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' fil-għodu (8:15am), ir-rikorrenti kien qiegħed għaddej bil-mutur tiegħu, bin-numru ta' reġistrazzjoni AFM 497, minn Triq Rue d'Argens, ġewwa l-Gżira;*

2. *Illi dak il-ħin l-intimat David Balzan kien qiegħed isuq il-vann bin-numru ta' reġistrazzjoni DBA 886 fi Sliema Road, il-Gżira;*

3. *Illi hekk kif David Balzan wasal fuq it-traffic lights huwa baqa' ħiereġ għal ġo Triq Rue d'Argens minkejja li l-imsemmija traffic lights kienu diġà qalbu fuq id-dawl l-aħmar. B'konsegwenza ta' dan l-intimat David Balzan tajjar lir-rikorrenti bil-mutur b'kollox;*

4. *Illi kif ser jirriżulta ampjament fil-mori ta' dawn il-proċeduri, bħala konsegwenza ta' dan l-inċident ir-rikorrenti sofra ġrieħi gravi u debilità permanenti f'ġismu kif ukoll dannu materjali;*

5. *Illi għal dan l-inċident stradali huwa unikament responsabbli l-intimat billi kien proprju minħabba t-traskuraġni, l-imprudenza, in-non-kuranza u n-nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti fis-sewqan tiegħu li seħħ dan l-inċident;*

6. *Illi l-intimat ġie interpellat sabiex jersaq u jaddivjeni għal likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti permezz ta' diversi ittri uffiċjali però huwa baqa' inadempjenti;*

*Għaldaqstant l-esponent, filwaqt li jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1) *Tiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fil-25 ta' Mejju, 2012 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħodu (8:15) fit-Triq Rue d'Argens, Gżira, kantuniera ma' Triq tas-Sliema, Gżira u dan minħabba traskuraġni, imprudenza, non-kuranza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan tiegħu;*

2) *Tiddikjara li konsegwentement l-intimat David Balzan huwa responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;*

3) *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;*

4) *Tordna li l-intimat iħallas is-somma hekk likwidata lir-rikorrenti in linea ta' danni u dan fi żmien qasir u perentorju hekk kif mogħti minn din l-Onorabbli Qorti;*

   *U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti, fis-savju u superjuri ġudizzju tagħha jogħġobha timponi.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali datati 4 ta' Diċembru, 2013 u 16 ta' Frar, 2016 bin-numri ta' referenza 3728/13 u 529/16 rispettivament, u bl-imgħaxijiet*

*legali mid-data tal-inċident kontra l-intimat li hu sa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **David Balzan** (K.I. numru 495982M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Settembru, 2016, u maħlufa minnha stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u dan stante illi l-eċċipjenti ma hux responsabbli għall-inċident de quo, liema inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, imperizja, u/jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur;*

3. *Illi konsegwentement, ma hemm ebda danni li għandhom jiġu likwidati favur l-attur u li għandu jagħmel tajjeb għalihom l-eċċipjenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut David Balzan (ID 495982M):*

*Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:*

1. *Illi ġejt infurmat mill-insurance tiegħi illi skada ż-żmien biex Adrian Galea ifittixni għal dan l-inċident. Peress illi din hija kwistjoni legali li ma nifhimx fiha, inħalli f'idejn l-Avukat tiegħi biex jargumenta l-punt;*

2. *Illi jien ma naħtix għall-korriment ta' Adrian Galea.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta’ Jannar 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta’ sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-partijiet f’din il-kawża kienu involuti f’inċident awtomobilistiku li seħħ meta l-attur kien qiegħed isuq mutur fi Triq d’Argens, il-Gżira, u hekk kif qabeż it-*traffic lights*, fl-istess ħin il-konvenut kien ħiereġ bil-vann tiegħu minn Triq Tas-Sliema, il-Gżira, bir-riżultat li l-mutur bl-attur fuqu spiċċa ħabat mal-vann tal-konvenut u sab ruħu taħtu. L-attur jikkontendi li l-impatt seħħ minħabba li l-konvenut ma segwiex id-dwal tat-*traffic lights* u baqa’ ħiereġ isuq minn fuq dawl aħmar bi trakk mimli bil-ġebel, u għalhekk dan l-inċident seħħ minħabba traskuraġni, imprudenza, non-kuranza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Konsegwenza ta’ dan l-inċident, l-attur sofra diversi ġrieħi u ksur f’saqajh, tant hu hekk għal xi ħin kien hemm il-biżgħa li waħda minn riġlejh setgħet tiġi amputata, u sal-lum il-ġurnata l-ksur li sofra għadu ma fieqx għalkollox. Permezz ta’ din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għal dan l-inċident, u għad-danni sofferti mill-attur, filwaqt li talab lill-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni u għall-kundanna għall-ħlas tad-danni sofferti minnu.

Min-naħa tiegħu l-konvenut filwaqt li ċaħad li hu b’xi mod responsabbli għal dan l-inċident, eċċepixxa wkoll il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-

Kap. 16. F'dikjarazzjoni li għamel il-konvenut, dan qal li kien ġie mgħarraf mis-soċjetà assiguratriċi li magħha hu assigurat, li kien għadda ż-żmien li fih il-konvenut seta' jfittex għad-danni.

**Provi u riżultanzi**

Kontestwalment mar-rikors maħluf l-attur **Adrian Galea** ppreżenta kopja ta' ittra uffiċjali li ntbagħtet lill-konvenut fl-4 ta' Diċembru, 2013, fejn sar riferiment għall-inċident tal-25 ta' Mejju, 2012, u fejn il-konvenut ġie interpellat jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-attur.[1] Ġiet esebita wkoll kopja ta' ittra uffiċjali oħra li l-attur bagħat lill-konvenut fis-16 ta' Frar, 2016, fejn għal darb'oħra sar riferiment għall-inċident li kienu involuti fih il-partijiet, u fejn għal darb'oħra l-konvenut ġie interpellat jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-attur.[2] L-attur esebixxa wkoll kopja tar-rapport imħejji mill-Pulizija sussegwentement għall-inċident.[3] L-attur fl-*affidavit* tiegħu qal[4] li hu s-sid tal-mutur tal-għamla Honda, u fil-25 ta' Mejju, 2012 hu kien għaddej minn Rue d'Argens, il-Gżira, direzzjoni lejn tas-Sliema, għall-ħabta tat-8:15a.m., ħin meta f'dawn l-inħawi kien hemm ħafna traffiku li kien wieqaf minħabba li l-*lights* f'dik il-parti tat-triq kienu ħomor. Qal li hekk kif hu bil-mutur tiegħu avviċina l-aħħar żewġ vetturi li kienu qegħdin jistennew mal-*lights,* id-dwal inbidlu f'ħodor, u kien għalhekk li hu beda jsuq fid-direzzjoni lejn Tas-Sliema. L-attur qal li l-vetturi li kienu fuq in-naħa tax-xellug tiegħu kienu waqfu, iżda minn fuq il-lemin tiegħu ħareġ isuq trakk b'ċerta veloċità li baqa' dieħel fih. L-attur spjega kif mad-daqqa hu spiċċa taħt it-trakk,

[1] *A fol*. 6 tal-proċess.
[2] *A fol.* 7 tal-proċess.
[3] *A fol.* 8 tal-proċess.
[4] *A fol*. 19 tal-proċess.

b'uġigħ kbir f'saqajh, u l-ewwel sensazzjoni li ħass kienet li kien hemm piż kbir fuq riġlu tax-xellug, minħabba li t-trakk kien tela' fuq il-mutur u l-mutur weħillu fuq riġlejh, bil-piż tat-trakk jimpedixxi lill-attur milli joħroġ minn taħtu. L-attur żied jgħid li hekk kif lemaħ lix-xufier tat-trakk, talbu jgħolli t-trakk fuq *jack* ħalli jeħles mill-piż ta' fuqu, iżda s-sewwieq tat-trakk infurmah li ma kellux *jack* minħabba li t-trakk kien mgħobbi bil-ġebel. Kompla jgħid kif fl-inħawi bdew jinġemgħu in-nies li rnexxielhom jerfgħu l-mutur minn fuqu sabiex l-attur seta' joħroġ, u kien f'dak il-ħin li l-attur induna li siequ kienet kważi tqaċċtet minn taħt l-irkoppa, filwaqt li kompla jħoss uġigħ kbir. L-attur żied jgħid li wara xħin waslet l-ambulanza u ttieħed l-Isptar, fejn wara li ġie eżaminat mill-konsulenti tal-Emerġenza, hu sema' lill-konsulent jinforma lill-familjari tiegħu li x'aktarx li siequ kellha tiġi amputata minn taħt l-irkoppa. Qal li hu sema' lil ħuh jgħid lill-konsulent Mr Joe Borg biex jagħmel minn kollox ħalli jsalvalu riġlu. L-attur spjega li kienu sarulu għadd ta' interventi, li wasslu biex hu jqatta' madwar sena u nofs b'saqajh fil-ħadid, matul liema żmien qabduh ukoll ħafna infezzjonijiet minħabba li kellu l-feriti esposti. L-attur qal li madwar sena u nofs wara tneħħielu l-*external fixator* minn ma' saqajh, u beda jimxi bil-mod. L-attur qal li jum fost l-oħrajn għotor waqt li kien miexi bil-mod, u dakinhar kien reġa' ttieħed l-isptar fejn ġie stabbilit li l-ksur li kien sofra f'riġlejh kien għadu ma fiqlux. L-attur spjega li konsegwenza ta' dan kellu bżonn jagħmel intervent ieħor, u wara dan l-intervent kien hemm perijodu twil ta' konvalexxenza u fiżjoterapija sabiex jerġa' jirkupra saħħtu. Qal ukoll li sussegwentement ħtieġlu jagħmel żewġ operazzjonijiet oħra, u minkejja dawn l-interventi, l-uġigħ baqa' jippersisti u qatt ma taffa. Żied jgħid li dan l-uġigħ qiegħed jillimitah serjament f'ħajtu, fil-passatempi li jista' jagħmel, fix-xogħol u l-manutenzjoni tad-dar u fix-xogħol li jagħmel fl-Armata, fejn ma jistax jibqa'

jipprogressa minħabba fid-debilità permanenti li sofra. L-attur żied jgħid li fis-27 ta' Ottubru, 2015 l-konsulent ortopediku Mr Massimo Abela kien irrilaxxja ċertifikat mediku, imma dan ma setax jistabbilixxi kemm kienet ir-rata ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur minħabba li kien meħtieġ li jsiru aktar interventi fuqu. L-attur qal li apparti t-tbatija fiżika, dan l-inċident ikkawżalu wkoll tbatija psikoloġika, tant li kellu jattendi għal sessjonijiet ma' psikologa. L-attur qal li l-mutur li kien qiegħed isuq ġarrab ħsarat estensivi, għalkemm ikkonferma li dan għadu ma sewwiehx. L-attur esebixxa kopja ta' ritratt li juri t-trakk bil-mutur taħtu fit-triq fejn seħħ l-inċident[5], kif ukoll kopji tal-FS3 forms għas-sena 2012 u għas-snin sussegwenti.[6] Ġew esebiti wkoll għadd ta' irċevuti b'rabta ma' visti mediċi, mediċini u trattamenti oħra li l-attur kellu jħallas għalihom konsegwenza tal-imsemmi inċident.[7] L-attur esebixxa wkoll kopji tar-rapporti mediċi redatti minn Mr Massimo Abela u minn Dr Ethel Felice fir-rigward tal-kundizzjoni ta' saħħtu wara l-inċident.[8] Ġew esebiti wkoll kopji ta' ittri legali li ntbagħtu lill-attur mill-konvenut mingħajr preġudizzju, fejn intqal lilu li l-pretensjonijiet tiegħu għall-ħlas tad-danni sofferti minnu huma infondati fil-fatt u fid-dritt.[9] L-attur esebixxa wkoll kopja tas-*survey report* fir-rigward tal-ħsarat fil-mutur li huwa kien qiegħed isuq fil-ħin tal-inċident.[10]

Ħu l-attur, **Brian Galea** fl-*affidavit* tiegħu qal[11] li dakinhar li seħħ l-inċident, hu kien mar fil-garaxx ta' ħuh, fejn sab lil wieħed minn sħabu li infurmah li l-attur kien mar jagħmel qadja ta' malajr. Qal li f'ħin minnhom dan il-ħabib, Anthony Catania kien irċieva telefonata mingħand l-attur li qallu li kien għadu kemm

[5] *A fol.* 24 tal-proċess.
[6] *A fol.* 25 *et seq.* tal-proċess.
[7] *A fol.* 30 tal-proċess.
[8] *A fol.* 53 tal-proċess.
[9] *A fol*. 56 u 57 tal-proċess.
[10] *A fol.* 58 tal-proċess.
[11] *A fol.* 59 tal-proċess.

kellu inċident ikrah bil-mutur. Qal li hu mar fuq il-post tal-inċident minnufih, fejn ra lil ħuh maqbud taħt it-trakk u ħafna demm mal-art, u l-Pulizija li kien fuq il-post kien qallu li aħjar jekk imur l-isptar minħabba li ħuh kien weġġa' gravi ħafna. Qal li hekk kif wasal l-isptar sab li ħuh kien diġà ġie eżaminat, u wara ftit ħin mar fuqu l-Professur Borg u qallu li aktarx li lil ħuh kienu ser jamputawlu sieqw.

Fl-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2016 xehed **Gordon Mayo**[12], sid tal-istabbiliment Tony & Guy Hairdressing Salon, li jinsab fl-istess akkwati fejn seħħ l-inċident, li qal li l-Pulizija kienu elevaw xi filmati mill-kameras tas-sigurtà li kellu mal-ħanut tiegħu sabiex jistabbilixxu d-dinamika ta' kif seħħ l-inċident.

Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2017 xehed **Lawrence Bugeja,** mill-Isptar Mater Dei li esebixxa kopja tal-*file* mediku tal-attur.[13]

Fl-istess udjenza xehed il-**PS 11 Daniel Zammit**[14], li qal li mill-investigazzjoni li saret mill-Pulizija wara l-inċident, irriżulta li l-unika kamera tas-sigurtà li ġibdet l-inċident kif seħħ kienet dik ta' mal-istabbiliment Tony & Guy Hairdressing. Ix-xhud qal li minn dak li jidher mill-filmat, jirriżulta li l-attur kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu bil-mod sakemm wasal viċin it-*traffic lights* u hekk kif dawn bidlu l-kulur, huwa baqa' ħiereġ. Ix-xhud qal li mill-filmat jidher ukoll it-trakk tal-konvenut għaddej b'veloċità tant li tajjar lill-attur li spiċċa taħt it-trakk.

[12] *A fol.* 69 tal-proċess.
[13] A fol. 78A *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 193 tal-proċess.

Fl-udjenza tas-17 ta' Frar, 2017 xehed **Joseph Saliba** in rappreżentanza ta' JobsPlus[15], li ppreżenta kopja tal-*employment history* tal-attur.[16]

Fl-udjenza tat-30 ta' Marzu, 2017 xehed il-**Kurunell Robert Bonnici**[17], li kkonferma li l-attur hu suldat mal-Forzi Armati, u f'dan l-irwol kien jaħdem bħala *security guard* bis-*shift.* Qal li minkejja li wara l-inċident l-attur baqa' jirċievi s-salarju bażiku tiegħu, madanakollu tilef ħafna *allowances* u xogħol li tiegħu kien jitħallas doppju. Ix-xhud esebixxa dokument sabiex jindika x'tip ta' *allowances* u ħlas doppju tilef l-attur. Qal ukoll li l-attur ma kienx jikkwalifika għall-promozzjoni għal bumbardier fl-2017 minħabba f'dan il-korriment, u kieku baqa' jidħol xogħol regolarment l-attur kien jikkwalifika għal din il-promozzjoni b'mod awtomatiku. Ix-xhud qal ukoll li minħabba f'dan il-korriment l-attur tilef l-opportunità li jiġi *deployed* barra minn Malta għal xi żmien, u żied jispjega li d-*deployment* jattira salarju tajjeb ħafna għal min jintgħażel biex jipparteċipa fih. Ix-xhud speċifika li l-promozzjoni li kien intitolat għaliha l-attur daħlet fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar, 2017, u dan tilef din l-opportunità li jiġi promoss minħabba fl-istat ta' saħħtu. Ix-xhud esebixxa dokument li juri liema huma l-*allowances* li tilef l-attur minħabba li ma daħalx xogħol il-ħdud u l-festi, kif ukoll l-*allowances* l-oħra li tilef.[18] Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-*assessment report* fir-rigward tal-applikazzjoni li għamel l-attur sabiex jiġi promoss għall-grad ta' bumbardier, minn fejn jidher li dan ma tellax il-punti meħtieġa sabiex jiġi meqjus għall-promozzjoni. L-uffiċjal li kien qiegħed iħejji dan ir-rapport ikkonstata li l-attur kellu inċident serju u li konsegwenza ta' hekk baqa' jsofri minn xi debilitajiet u minn perijodi

[15] *A fol.* 202 tal-proċess.
[16] *A fol.* 204 tal-proċess.
[17] *A fol.* 219 tal-proċess.
[18] *A fol.* 230 tal-proċess.

li fihom ħtieġlu jkun rikoverat. Jidher ukoll minn dan ir-rapport li l-attur baqa' jagħmel l-almu tiegħu fix-xogħol tiegħu.

Fl-udjenza tat-30 ta' Marzu, 2017 xehed **Dr Giacinto Bartolo**[19], li ntalab jixhed dwar il-kundizzjoni ta' saħħet l-attur u kif din affettwatlu l-karriera tiegħu fl-Armata. Ix-xhud qal li konsegwenza tal-imsemmi inċident, l-attur ħtieġlu jagħmel sensiela ta' operazzjonijiet, li wħud minnhom ma rnexxewx u wasslu għal kumplikazzjonijiet oħra, u konsegwenza ta' hekk dan ħa xejn anqas minn sitt mija u sebgħa u sebgħin (677) ġurnata *sick leave* li affettwaw il-mod kif hu jista' javvanza fil-karriera fl-Armata. Qal ukoll li l-karriera tal-attur fl-Armata ġiet affettwata konsiderevolment anki minħabba li dan ma jistax jagħmel ċertu taħriġ, jew jintbagħat barra minn Malta jew jattendi għal ċerti korsijiet. Ix-xhud qal li hu invista lill-attur b'mod regolari, u minkejja li l-attur baqa' jirċievi s-salarju tiegħu regolarment, xorta waħda tilef ħafna *allowances.* Ix-xhud qal li l-attur jippreżenta rapporti mediċi mill-isptar fuq bażi regolari, u hu bħala tabib għandu aċċess għall-eżamijiet u għar-rapporti li saru fuq l-attur sabiex ikun jista' jagħmel il-verifiki tiegħu dwar il-qagħda ta' saħħtu.

Fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2017 xehed **Kumar Bonello**[20], li qal li hu *surveyor* tal-vetturi u li jagħmel xogħol għal soċjetajiet tal-assigurazzjoni. Ix-xhud ikkonferma li kien hu li għamel rapport dwar il-ħsarat fil-mutur tal-attur u dwar l-ispiża meħtieġa sabiex isiru t-tiswijiet fuq il-mutur tal-attur. Ix-xhud esebixxa sensiela ta' ritratti li juru l-ħsarat fuq il-mutur, kif ukoll kopja tal-istima li hu ħejja sabiex il-mutur ikun jista' jissewwa.[21]

[19] *A fol.* 235 tal-proċess.
[20] *A fol.* 246 tal-proċess.
[21] *A fol.* 250 *et seq.* tal-proċess.

Fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2017 xehdet **Dr Ethel Felice**[22], konsulenta psikjatrija, li qalet li hi invistat lill-attur l-ewwel darba fit-3 ta' Frar, 2015, minħabba li kellu bżonn ċertifikat li jgħid li minħabba t-trawma li għadda minnha, ikun aħjar jekk hu joħroġ għal ftit sigħat kuljum anki sabiex inaqqas l-ansjetà mentali u r-riskju li jaqa' f'dipressjoni.

Fl-istess udjenza xehed **Colin Borg Ginger**[23], in rappreżentanza tas-soċjetà Citadel Insurance Limited, li qal li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBA 886 hi rreġistrata fuq Nicholas Balzan, filwaqt li l-konvenut David Balzan huwa wkoll assikurat fuq l-istess vettura. Ix-xhud qal li l-konvenut m'ammettiex ir-responsabbilità għall-inċident, u l-verżjoni li ta lis-soċjetà assikuratriċi kienet li hu qasam minn fuq id-dwal meta dawn kienu ħodor sabiex imur fid-direzzjoni lejn il-Kappara, filwaqt li kien l-attur li qasam it-triq f'ħin li ma messux għamel hekk minħabba li d-dwal tat-*traffic lights* fuq in-naħa tiegħu tat-triq kienu ħomor.

Fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju, 2017 kien hemm qbil bejn il-partijiet li kienet meħtieġa l-ħatra ta' espert mediku sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni ta' saħħet l-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, u sabiex jistabbilixxi jekk konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofriex xi debilità permanenti u f'liema grad. L-espert mediku maħtur mill-Qorti **Mr Frederick Zammit Maempel,** ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fil-11 ta' Settembru, 2017[24], fejn wara li kkonstata li l-attur kellu inċident tat-traffiku bil-mutur tiegħu, spjega l-ksur u xi ġrieħi oħra li dan ġarrab konsegwenza tal-imsemmi inċident, flimkien mar-rapporti mediċi u r-riżultati tat-testijiet li saru fuq l-attur min-

[22] *A fol.* 275 tal-proċess.
[23] *A fol.* 279 tal-proċess.
[24] Kopja *a fol.* 294 tal-proċess.

naħa tal-isptar. L-espert ġudizzjarju kkonstata li hu eżamina lill-attur aktar minn ħames snin wara li seħħ l-inċident, u minkejja li għadda dan iż-żmien u minkejja li fuq l-attur saru diversi interventi kirurġiċi, il-ksur soffert mill-attur baqa' ma għaqadx. In vista ta' din il-problema, l-espert mediku qal li r-rata ta' debilità permanenti sofferta mill-attur trid tinħadem daqslikieku r-riġel tax-xellug tal-attur ġie amputat minn taħt l-irkoppa, għalkemm din ir-rata ta' debilità permanenti tonqos sostanzjalment f'każ li l-ksur jagħqad. In vista tal-fatt li fil-mument tal-eżami, dan il-ksur kien għadu m'għaqadx, l-espert mediku stabbilixxa li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' 30%.[25]

Fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017 xehed **Mr Massimo Abela**[26], kirurgu ortopediku, li qal li l-attur kien pazjent tiegħu, u spjega dak li għadda minnu l-attur.[27] Ix-xhud qal li in vista tal-fatt li l-attur kien għadu qiegħed jesperjenza trattamenti kirurġiċi konsegwenza tal-inċident li kellu, huwa diffiċli għalih li joħroġ ċertifikat li jistabbilixxi l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur f'dan l-istadju. Ix-xhud qal ukoll li l-ksur tat-*tibia* kienet *a high energy injury,* u li diffiċli ħafna li wieħed ikollu ferita bħal dik li kellu l-attur mingħajr ma jkun hemm partijiet oħra tar-riġel affettwati mill-inċident ukoll. Qal ukoll li minħabba li l-impatt li sofra l-attur kien kbir, jista' jkun li jkun hemm problemi

---

[25] Fi kliem dan l-espert mediku, "Galea ġarrab ksur tal-għadam (tibia u fibula) tal-qasba xellugija. Minkejja d-diversi trattamenti biex jgħinu dan il-ksur jagħqad (pjanċa, *external fixators,* ġibs, *bone graft*, eċċ), u minkejja li għaddew 'il fuq minn ħames snin, dan il-ksur baqa' m'għaqadx. Wieħed ma jeskludix il-possibilità li eventwalment din l-għadma tagħqad, u Galea qiegħed proprju taħt il-kura ta' professur (Mr. Mc Nally) minn Oxford li jispeċjalizza fi ksur problematiku. F'dan l-istadju r-riġel tax-xellug jitqies bħal kieku ġie amputat minn taħt l-irkoppa; ċioé stmat b'rata ta' 30% diżabilità. Jekk fil-ġejjieni dan il-ksur jagħqad, allura r-rata ta' diżabilità tonqos sostanzjalment."

[26] *A fol.* 301 tal-proċess.

[27] Fi kliem ix-xhud, "Kellu ksur miftuħ jiġifieri kellu ferita assoċjata mal-ksur tal-qasba tax-xellug. Kif daħal l-Isptar għamlulu *external fixator* biex iżomm il-ksur f'postu u jagħti aċċess għall-ferita li jkun hemm mal-ksur. .... F'Awwissu 2013 neħħewlu l-*frame* u wara ftit beda jimxi mingħajr krozzi u baqa' jzappap. Kien ġie jara lili dak iż-żmien għax kien baqa' jzappap u għamiltlu *x-rays* u fuq l-*x-rays* kien hemm l-evidenza li l-ksur kien għadu ma fieqx. Jiġifieri għalkemm kien ittrattat għall-ksur, il-ksur kien għadu ma fieqx fuq l-*x-rays* u dan qed ngħidu 15 ta' Settembru, 2014. ... reġa' ddaħħal l-Isptar taħt il-kura ta' Joe Borg u fl-20 ta' Frar, 2015 għamlulu pjanċa bil-viti fuq il-ksur u *bone graft.* Reġa' beda jimxi bil-krozzi, reġa' ġie ħieles mill-Isptar, imbagħad sussegwentement kont rajtu jiena għax kien qed jilmenta minn uġigħ fl-irkoppa tal-istess sieq *on the left* u għamiltlu operazzjoni bl-istrument fuqha u kien hemm tiċrita tal-menisku, tal-*cartridge* li ttrimjajtlu. ... Erġajt rajtu fid-19 ta' Lulju, 2016. Qalli li kien għadu qed jaħdem fuq *light duties,* kien għadu jilmenta minn uġigħ u organizzajtlu *CT scan* tal-qasba ta' siequ u reġa' kkonferma li l-ksur kien għadu ma fieqx."

biex jifforma l-għadam, għalkemm il-proċess tat-trattament tal-attur għadu għaddej minħabba li t-testijiet li sarulu kollha jindikaw li l-għadma għadha ma fiqitx.

Fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017 xehed **Stephen Cachia**[28], in rappreżentanza ta' Transport Malta, li ppreżenta dokumentazzjoni marbuta mal-vettura u l-mutur involuti f'dan l-inċident inkwistjoni.[29]

Permezz ta' nota tat-18 ta' Diċembru, 2017, il-konvenut għamel sensiela ta' domandi in eskussjoni tal-espert mediku maħtur mill-Qorti.[30] L-eskussjoni ta' **Mr Frederick Zammit Maempel** saret fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2018[31], li qal li huwa wasal għal debilità permanenti fil-grad ta' 30% billi mexa fuq linji gwida maħruġa mill-Ministeru tal-Ġustizzja fl-2011 li ġew mgħarrfa lit-tobba kollha. L-espert ġudizzjarju qal li s-soltu jiġri li għadma bħal dik li kiser l-attur tagħqad wara tliet xhur, u għalhekk il-fatt li din għadha ma għaqditx wara ħames snin jindika li m'hemmx probabbilità qawwija li din tagħqad. Huwa għal din ir-raġuni wkoll li l-attur tpoġġa taħt il-kura ta' wieħed mill-aqwa konsulenti tal-ortopedija li hawn fl-Ewropa. Ix-xhud qal ukoll li hemm riskju li r-riġel tal-attur jiġi amputat jekk il-ksur jibqa' ma jagħqadx. Żied jgħid li anki jekk l-għadma tagħqad, hemm fatturi oħra li jistgħu jimpinġu fuq il-grad ta' debilità permanenti bħal jekk din għaqditx mgħawġa jew dritta, jekk ġietx qasira jew it-tul tas-sieq l-oħra, jekk l-għaksa baqgħetx mobbli jew le, liema fatturi lkoll jikkontribwixxu għall-funzjoni tar-riġel. L-espert mediku qal li assolutament

[28] *A fol.* 310 tal-proċess.
[29] *A fol.* 312 *et seq.* tal-proċess.
[30] *A fol.* 327 tal-proċess.
[31] *A fol.* 336 tal-proċess.

mhux il-każ li l-attur jiġi ddikjarat li mhu qed isofri mill-ebda debilità permanenti.

Fl-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur[32], li kkonferma li fil-ħin meta seħħ l-inċident kien hemm ħafna traffiku fit-toroq. L-attur ikkonferma li hu qala' l-vetturi li kienu weqfin mat-*traffic lights* min-naħa ta' barra, u hu naqqas il-veloċità mingħajr ma waqaf bil-mutur, u hekk kif kien naqqas il-veloċità il-*lights* saru oranġjo, għalkemm kien biss meta d-dwal ġew ħodor li huwa saq. L-attur ikkonferma wkoll li minkejja li fix-xhieda tiegħu kien qal li l-konvenut baqa' ħiereġ minn Sliema Road waqt li d-dwal fuq dik in-naħa kienu għadhom ħomor, mill-pożizzjoni li kien fiha hu ma setax jara d-dwal fi Sliema Road kif kienu qegħdin. L-attur ikkonferma wkoll li bejn id-data meta seħħ l-inċident u dakinhar li nbdew dawn il-proċeduri, hu bagħat żewġ ittri uffiċjali lill-konvenut. B'riferiment għad-dokumenti esebiti minnu fir-rigward ta' spejjeż minfuqa konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur xehed li l-irċevuti maħruġa minn sptarijiet privati, anki jekk mhumiex irċevuti fiskali, huma l-prova li hu għandu tal-ħlasijiet li għamel għad-diversi servizzi mediċi li rċieva in segwitu għall-inċident inkwistjoni.

Il-konvenut, **David Balzan** fl-*affidavit* tiegħu qal[33] li hu kien ġej min-naħa tax-Xatt tal-Gżira u kien fi ħsiebu jitla' lejn Sliema Road lejn il-*flyover* tar-*roundabout* fuq it-Triq Reġjonali, u biex jagħmel dan ħtieġlu jaqsam minn Rue d'Argens. Il-konvenut qal li hu u tiela' mix-Xatt, quddiemu kien hemm żewġ vetturi, u li sakemm waslu mat-*traffic lights,* dawn qalbu fuq il-kulur aħdar, u kien għalhekk li hu baqa' ħiereġ. Qal ukoll li t-trakk li kien qiegħed isuq kellu

[32] *A fol.* 345 tal-proċess.
[33] *A fol.* 367 tal-proċess.

tagħbija konsiderevoli, u b'dak il-piż ma setax jieħu riskji xħin javviċina t-*traffic lights.* Qal li l-inċident seħħ xħin hu kien kważi ħareġ minn Rue d'Argens għal kollox u reġa' qabad Sliema Road, u fil-ħin tal-inċident hu sema' ħoss u ħass daqqa mal-ġenb tat-trakk. Il-konvenut qal li t-trakk tiegħu kien mimli bil-ġebel u għalhekk ma setax jeċċedi ċertu limitu ta' veloċità. Żied jgħid li l-attur bilfors kellu jsuq ċerta distanza minn mad-dwal f'Rue d'Argens sakemm jilħaq lill-konvenut, u l-inċident seħħ minħabba li l-attur m'għarafx jieqaf xħin id-dwal fuq in-naħa tiegħu kienu oranġjo jew ħomor. Il-konvenut sostna li ma setax ikun li l-attur ħareġ meta d-dwal li jagħtuh id-dritta kienu ħodor, minħabba li dak il-ħin id-dritta kienet tiegħu, il-konvenut u d-dwal fi Sliema Road kienu ħodor. Il-konvenut qal li dak il-ħin fit-triq kien hemm ħafna traffiku, iżda għal xi raġuni kien biss il-mutur li baqa' dieħel fit-trakk u l-ebda vettura oħra. Hu kkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li kien is-sewwieq tal-mutur, l-attur, li ħa riskji li ma kellux jieħu meta ħareġ minn fuq it-*traffic lights* meta dawn ma kinux ħodor, u li kien għalhekk li ma seħħlu jagħmel l-ebda manuvra biex biha jevita li jibqa' dieħel fit-trakk.

Il-kontroeżami tal-konvenut sar fl-udjenza tas-17 ta' Settembru, 2018[34], u dan ikkonferma li fil-mumenti ta' qabel l-inċident, fil-parti tat-*traffic lights* ta' Sliema Road, quddiemu kien hemm żewġ vetturi oħra, li ħarġu qablu filwaqt li hu baqa' ħiereġ warajhom. Qal ukoll li hu fl-ebda ħin ma kellu għalfejn jieqaf minħabba t-*traffic lights.* Il-konvenut reġa' kkonferma li minħabba li t-trakk kien mgħobbi bil-ġebel, hu ma setax isuq b'veloċità għolja. Żied jgħid ukoll li ma jiftakarx kemm kienet il-veloċità li kien qiegħed isuq biha dak il-ħin. Il-konvenut qal li ma jafx jekk kienx hemm *brake marks* ta' żewġ metri li jidhru

[34] *A fol.* 375 tal-proċess.

mir-ritratti esebiti, u qal li dak il-ħin hu kien sejjer mill-Gżira lejn il-Kappara bit-tagħbija tiegħu. Il-konvenut qal ukoll li minn taħt il-għajn hu lemaħ mutur isuq fid-direzzjoni tiegħu b'ċerta veloċità. Il-konvenut qal li hu ma rax il-filmati tas-CCTV li ġew elevati minn fuq il-post, għalkemm ikkonferma li fil-konfront tiegħu nbdew proċeduri kriminali.

Fl-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2018, il-konvenut ġie muri l-filmat li jinsab esebit *a fol.* 29 tal-proċess, u min-naħa tiegħu baqa' jinsisti li meta d-dwal tat-*traffic lights* f'Rue d'Argens qalbu fuq l-aħdar, hu kien diġà ħareġ minn Sliema Road.[35]

Permezz ta' rikors tal-11 ta' Ottubru 2018, l-attur talab lill-Qorti tawtorizza s-smigħ tax-xhieda tal-PL Mario Buttigieg[36] li ġie maħtur mill-Qorti Kriminali bħala espert tat-traffiku sabiex jirrelata dwar id-dinamika ta' dan l-inċident. Fil-fatt il-**P.L. Mario Buttigieg** xehed waqt l-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2019[37], fejn qal li wara li eżamina l-filmat elevat mill-unika kamera tas-sigurtà li ġibdet l-inċident kollu, għamel rikostruzzjoni tad-dinamika ta' kif seħħ l-inċident.[38] Ix-xhud qal li min-naħa tiegħu seta' jikkonstata li l-vetturi f'Rue d'Argens kienu weqfin, u f'ħin minnhom l-attur għamel manuvra ta' sorpass fuq in-naħa tal-lemin f'Rue d'Argens. Qal li hekk kif l-attur bil-mutur tiegħu wasal mat-tieni vettura li kien hemm tistenna mad-dwal, id-dwal minn aħmar ġew oranġjo, u kien hawnhekk li l-attur resaq 'il quddiem fejn waqaf temporanjament, u kif id-dwal qalbu għall-aħdar, l-attur beda ħiereġ. Ix-xhud qal li hu ma marx fuq is-sit fejn seħħ l-inċident biex jara l-inċident kif seħħ, u lanqas m'għamel verifiki

[35] *A fol.* 385 tal-proċess.
[36] Kopja tar-rikors *a fol.* 382 tal-proċess. Il-P.L. Mario Buttigieg ġie maħtur bħala espert ġudizzjarju mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li ġiet ippreżentata il-kawża odjerna.
[37] *A fol.* 398 tal-proċess.
[38] Kopja tar-rapport *a fol.* 402 tal-proċess.

mal-ADT jew ma' Transport Malta dwar is-sekwenza ta' kif jaħdmu dawn it-*traffic lights.*

Fir-rapport esebit mill-**P.L. Mario Buttigieg**[39], ġie kkonstatat li l-kolliżjoni seħħet fl-inkroċju bejn Rue d'Argens u Triq Tas-Sliema, u li filwaqt li l-attur bil-mutur kien tiela' minn Rue d'Argens, il-konvenut kien tiela' minn Triq Tas-Sliema lejn Triq Mikiel Anton Vassalli. Ġie stabbilit ukoll li filwaqt li s-sewwieq tal-mutur issorpassa xi vetturi biex jiġi quddiem l-ewwel vettura, li kienet wieqfa, wara ftit sekondi ħareġ fit-triq. Ix-xhud stabbilixxa wkoll li kien proprju f'dan l-inkroċju li l-mutur misjuq mill-attur u l-vettura misjuqa mill-konvenut iltaqgħu, bil-konsegwenza li l-vettura baqgħet dieħla fil-ġenb tal-mutur.

## Konsiderazzjonijiet legali

Il-Qorti tqis li qabel ma tidħol fil-mertu tal-kwistjoni u tara jekk hemmx responsabbilità x'tinġarr mill-konvenut għad-danni sofferti mill-attur, huwa essenzjali li tiġi ttrattata l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut li eċċepixxa li l-azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu tal-liġi jaqra testwalment:

> "L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn."

L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jikkontendi li l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ in eżami mhijiex dik li jipprovdi għaliha l-artikolu 2153 imma dik *ai termini* tal-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid illi:

[39] *A fol.* 401 *et seq.* tal-proċess.

"(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali."

Dwar liema minn dawn l-artikoli tal-liġi għandu japplika għal ċirkostanzi bħal dawk in eżami, inkiteb u ntqal ħafna tul is-snin. Hemm linja ta' ħsieb li tgħid li hija l-preskrizzjoni ta' sentejn li għandha tapplika għal danni li huma riżultat ta' *culpa aquiliana*, filwaqt li linja ta' ħsieb oħra tgħid li f'każijiet ta' danni li jirriżultaw minn għemil li fir-rigward tiegħu jittieħdu passi kriminali kontra l-konvenut, japplika għall-azzjoni ċivili għall-ħlas tad-danni għall-ħsarat ikkaġunati b'reat, l-istess terminu ta' preskrizzjoni li japplika għall-azzjoni kriminali.

Għandu jiġi ppuntwalizzat li għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u ċjoé (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (*culpa aquiliana*), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn; u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt (danni kuntrattwali) li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin. Huwa ċar għalhekk li l-preskrizzjoni ta' sentejn ma tapplikax għal ħsara maħluqa minn għemil li jikkostitwixxi reat. Din il-Qorti esprimiet il-fehma tagħha dwar din l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenut f'deċiżjoni fl-ismijiet **Fleur Debono *vs* Shanylee Reed et**[40], fejn qalet:

[40] 19.10.2018

> "L-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel riferiment għal azzjonijiet għad-danni li ma jirriżultawx minn reat kriminali, u għaldaqstant dan l-artikolu tal-liġi m'għandux applikazzjoni għall-proċeduri odjerni stante li jirriżulta bl-aktar mod ampju li fil-każ odjern hemm responsabbilità kriminali x'tinġarr, tant li ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tal-partijiet.
>
> Il-Qorti stabbiliet f'diversi sentenzi li fir-rigward ta' azzjonijiet għad-danni li jitnisslu minn inċidenti awtomobilistiċi, tapplika l-preskrizzjoni kif regolata bl-artikolu 2154 tal-Kap. 16. Hekk per eżempju f'sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et,** (08.10.2004) il-Qorti stabbiliet li d-danni sofferti b'konsegwenza ta' inċident stradali li fih l-attur allegatament sofra debilità permanenti, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ikkontemplata fl-artikolu 2154."

In vista tal-fatt li l-konvenut naqas milli jeċċepixxi l-preskrizzjoni taħt xi dispożizzjoni tal-liġi għajr għall-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, li l-Qorti tirritjeni li ma japplikax għaċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti mhi sejra tqis l-ebda dispożizzjoni oħra tal-liġi li tipprovdi għall-preskrizzjoni tal-azzjoni, minħabba li hija prekluża bil-liġi stess milli tqajjem jew tikkonsidra eċċezzjonijiet ta' din in-natura *ex officio,* in linea mal-artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili.[41]

Wara li ġiet ittrattata l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet tal-attur fir-rigward ta' jekk il-konvenut għandux jinżamm responsabbli għall-inċident inkwistjoni u għad-danni kkawżati lill-attur. Il-Qorti evalwat ix-xhieda li tressqu quddiemha, partikolarment ix-xhieda tal-PS 11 Daniel Zammit li qal li wara li ra l-filmat elevat minn kameras tas-sigurtà fl-inħawi ta' fejn seħħ l-inċident, hu seta' jikkonferma li l-attur irrallenta fis-sewqan sakemm ra li d-dwal tat-*traffic lights* inbidlu u saru ħodor, u dan ifisser li l-konvenut min-naħa tiegħu ħa sogru li ma kellux jieħu meta minkejja li d-dwal in-naħa ta' Triq Tas-Sliema

[41] L-artikolu 2111 tal-Kap. 16: "Il-Qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata."

kienu oranġjo, dan iddeċieda li jipproċedi u jittraversa t-triq wara l-vetturi li laħqu ħarġu qablu, minkejja li kien qiegħed isuq trakk mgħobbi bil-ġebel, li jagħmilha aktar diffiċli li jiġi kkontrollat. Din ix-xhieda hi korroborata minn dak li qal il-P.L. Mario Buttigieg li għamel rikostruzzjoni tad-dinamika ta' dan l-inċident u li wkoll ikkonkluda li kien il-konvenut li ħa sogru li ma kellux jieħu meta qasam minn fuq il-*lights* meta dawn kienu oranġjo jew addirittura ħomor. Dawn il-konklużjonijet tal-espert ġudizzjarju Mario Buttigieg jikkorroboraw il-verżjoni tal-attur, li hu rrallenta meta avviċina l-vetturi li kienu qegħdin jistennew li t-*traffic lights* jibdlu l-kulur, u saq fuq l-ewwel *gear* u ħareġ fit-triq biss meta aċċerta ruħu li t-*traffic lights* tawh id-dritta biex jagħmel dan, filwaqt li kien il-konvenut li azzarda joħroġ mit-triq meta d-dwal kienu qegħdin jindikaw li kellu jieqaf. Il-fatt li l-konvenut xehed li quddiemu kien hemm żewġ vetturi oħra li laħqu saqu qablu, jikkorrobora t-teżi li l-mument li fih saq il-konvenut kien proprju l-mument li fih id-dwal kienu jew oranġjo jew ħomor, u li f'kull każ hu kellu jieqaf jistenna.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti fil-kawża, u jirriżulta li dan l-inċident ma kienx ikollu l-konsegwenzi li kellu li kieku l-konvenut uża l-prudenza mistennija minn kull sewwieq fis-sewqan tiegħu, speċjalment meta kif xehed hu stess, kien qiegħed isuq trakk mgħobbi bil-ġebel u għalhekk il-piż tal-vettura minnu nnifsu jinneċessita li wieħed isuq b'aktar kawtela u attenzjoni għal dak kollu li kien qiegħed iseħħ fit-triq. Il-Qorti tinsab konvinta li minkejja dak li qal il-konvenut, l-attur ħareġ fit-triq biss xħin kien konvint li kellu d-dritta li jagħmel dan, u għalhekk bl-ebda mod ma kkontribwixxa għall-inċident. Mhux l-istess iżda jista' jintqal għall-konvenut, li għandu jinżamm responsabbli għal dak li seħħ minħabba li jirriżulta li saq b'mod negliġenti,

traskurat u li jikser il-liġijiet tat-traffiku bl-aktar mod lampanti, u li konsegwenza ta' għemilu l-attur sofra debilità permanenti gravi li setgħet wasslitu biex saħansitra jitlef waħda minn riġlejh.

Hekk stabbilita l-kwistjoni dwar min għandu jġorr responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, iridu għalhekk jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attur.

*Damnum Emergens:*

Mill-provi prodotti mill-attur, jirriżulta li dan kellu jagħmel diversi spejjeż minħabba fl-inċident inkwistjoni u l-kura li ħtieġlu jieħu fuq perijodu twil ta' żmien. It-total tal-irċevuti esebiti mill-attur, li jidher ċar li huma kollha rċevuti għal spejjeż f'diversi kliniċi u sptarijiet privati fejn l-attur ħtieġlu jirrikorri sabiex jikkura ruħu, jammontaw għal disa' mija u tlieta u disgħin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€993.99).[42] Il-Qorti tqis li kull irċevuta li ppreżenta l-attur kienet għal spejjeż li saru minnu mhux kapriċċjożament imma li kienu meħtieġa għar-riabilitazzjoni tiegħu, jew sabiex jiġi determinat b'ċertezza x'inhuma d-debilitajiet sofferti minnu, bħall-ħlas li sar sabiex ġiet akkwistata s-CD tal-MRI li sarlu fl-Isptar Mater Dei (€15), jew il-ħlas biex xtara piżijiet għall-għaksa (€11.20). Dawn kienu kollha spejjeż li saru mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, u li kieku mhux għax seħħ l-inċident, l-attur ċertament li ma kienx ikollu għalfejn jagħmel tali spejjeż. Hu għalhekk li dawn

[42] *Fol.* 30 - €35.28, Vivien Pharmacy); *fol.* 31 - €25, Da Vinci Hospital); *fol.* 32 - €105, Mr. Joseph Pace *physiotherapist*; *fol.* 33 - €70, Saint James Hospital; *fol.* 34, €15, Mater Dei Hospital; *fol.* 35 - €65, Saint James Hospital; fol. 36 - €12.20 + €10.31, Vivien Pharmacy; fol. 37 - €70, Saint James Hospital; *fol.* 38 - 90, konsulta tat-Tarġa Pharmacy Mosta; *fol.* 39 - €60, konsulta Mr Mark Portelli; *fol.* 40 - €50, Dr. Ethel Felice; *fol.* 41 - €30, *physiotherapy* Da Vinci Hospital; *fol*. 42 - €30, *physiotherapy* Da Vinci Hospital; *fol.* 43 - €11.20, Defiant Commercial Ltd.; *fol.* 44 - €30, Da Vinci Hospital *physiotherapy*; *fol.* 45 - €30, Da Vinci Hospital *physiotherapy*; fol. 46 - €30, Da Vinci Hospital *physiotherapy*; *fol.* 47 - €30, Da Vinci Hospital *physiotherapy*; *fol*. 48 - €30, Da Vinci Hospital *physiotherapy*; *fol.* 49 - €25, Da Vinci Hospital *physiotherapy*; *fol.* 50 - €30, Da Vinci Hospital *physiotherapy*; *fol.* 51 - €30, Da Vinci Hospital *physiotherapy*; *fol.* 52 - €80, Tat-Tarġa Health Clinics.

l-ispejjeż qegħdin jiġu fatturati mill-Qorti bħala parti mid-danni materjali li sofra l-attur.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll ix-xhieda ta' Kumar Bonello li għamel valutazzjoni tal-ispejjeż meħtieġa għat-tiswija tal-mutur, u li stabbilixxa li hemm bżonn nefqa ta' €700 għax-xiri tal-*parts*, €167.68 f'xogħol manwali u €50 f'xogħol speċjalizzat għall-bdil tar-rim ta' barra, li flimkien jammontaw għal €917.68. In vista tal-fatt li l-Qorti mhijiex konvinta li huwa daqshekk faċli li jinstabu *parts second hand* għat-tiswija ta' mutur li ilu fit-triq, kif issuġġerixxa l-konvenut, u in vista tal-fatt li x-xhud qal li hu jagħmel dan ix-xogħol għal diversi soċjetajiet tal-assigurazzjoni, il-Qorti hija konvinta li din l-istima għall-ispejjeż li jeħtieġ li jsiru fuq il-mutur tal-attur hija waħda realistika għall-aħħar u għalhekk sejra tillikwida wkoll dawn id-danni.

Il-konvenut saħaq li għandu jkun hemm temperament anki fil-komputazzjoni tat-telf ta' dħul li l-konvenut jallega li sofra mix-xogħol tiegħu fil-grad ta' *lance bombardier* fil-Forzi Armati ta' Malta, fosthom it-*trade deduction* ta' €472.93[43], telf ta' ħlas għal għases u ħdud li l-attur ma ħadimx fihom minħabba li kien rikoverat għal perijodu twil ta' żmien, li mix-xhieda tal-Kurunell Robert Bonnici jirriżulta li kienu jammontaw għal €5,539, u li l-attur kien ser jitħallas tagħhom li kieku baqa' jattendi għax-xogħol b'mod regolari. Issemmiet ukoll is-somma ta' €394 fis-sena, li hija d-differenza fis-salarju bejn il-grad li qiegħed fih l-attur attwalment u l-grad ta' bombardier li l-attur kien eventwalment ser jiġi promoss għalih b'mod awtomatiku. Madanakollu mill-provi jirriżulta li dawn il-promozzjonijiet u ż-żidiet marbuta magħhom għadhom ma mmaterjalizzawx lanqas għal uffiċjali oħra fl-Armata li fiż-żmien

[43] *A fol.* 230 tal-proċess.

meta ngħatat ix-xhieda mill-Kurunell Bonnici kienu għadhom ma ġewx promossi uffiċjalment. F'kull każ dan it-tnaqqis fid-dħul tal-attur il-Qorti sejra tagħmel provvediment għalih taħt il-kap tat-telf ta' qligħ futur li l-attur ser isofri konsegwenza tal-inċident inkwistjoni. Il-Qorti kkonsidrat li t-*trade deduction,* u t-telf ta' *allowances* marbuta ma' xogħol fil-ħdud u festi, huma kollha ħlasijiet li l-attur kien ser jirċievi li kieku seta' jibqa' jattendi għax-xogħol b'mod regolari, u li hu spiċċa tilef dan l-introjtu unikament minħabba fil-konsegwenzi tal-inċident. Huwa għalhekk li l-Qorti sejra tikkomputa dan it-telf bħala parti mit-telf materjali soffert mill-attur.

L-attur ivvanta pretensjoni oħra għall-ħlas lilu ta' flus li seta' jipperċepixxi li kieku ħa sehem f'missjonijiet tal-Armata barra minn Malta, jew li kieku pparteċipa f'xogħol marbut mal-Presidenza tal-Unjoni Ewropea, iżda l-Qorti tqis illi ma nġabitx prova suffiċjenti li l-attur kien b'ċertezza ser jintbagħat għal tali missjonijiet, jew kemm kien eżattament il-ħlas abbinat ma' dan ix-xogħol.

Finalment il-Qorti tqis li d-danni materjali sofferti mill-attur jammontaw għal €993.99 (spejjeż mediċi) + €917.68 (tiswijiet fil-mutur tal-attur) + €6,011.93 (telf ta' introjtu mix-xogħol), għal total ta' sebat elef, disa' mija u tlieta u għoxrin Euro u sittin ċenteżmu (€7,923.60).

*Lucrum Cessans:*

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-

ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[44], il-Qorti ntqal illi:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[45], ġie ritenut illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' disgħa u tletin (39) sena, li hi l-età li kellu l-attur meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 22 F'sentenza fl-ismijiet **John Ransley et *vs.* Edward u Restall et**[46], il-Qorti qalet:

---

[44] P.A., 18.02.2013.
[45] P.A., 27.04.2005.
[46] P.A., 10.05.2005.

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 22 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attur, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età tiegħu hu mistenni li jaħdem almenu sal-età ta' 65 sena biex jilħaq l-età tal-irtirar.

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-espert mediku ġudizzjarju Mr Frederick Zammit Maempel, li l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità permanenti ta' 30% konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, anki jekk din ir-rata għad tista' tvarja fil-futur f'każ li l-attur jara titjib fil-kundizzjoni ta' saħħtu. Madanakollu il-Qorti tqis li l-fatt li ksur li suppost fieq fi żmien tliet xhur, għadu ma fieqx wara seba' snin mill-inċident, ikun realistiku u raġjonevoli li fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern tiġi addottata r-rata ta' debilità permanenti li ġiet ffissata mill-espert mediku ġudizzjaraju Mr Frederick Zammit Maempel.

L-inċident inkwistjoni seħħ fis-sena 2012, u l-attur ippreżenta kopji tal-*FS3s* fir-rigward tad-dħul tiegħu għal dik is-sena[47], minn fejn jirriżulta li hu kellu dħul gross ta' €16,508.52 li wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali u t-taxxa, iwassal għal dħul nett ta' €14,330.72. Dan is-salarju jrid jiġi aġġustat u jogħla abbażi tal-għoli tal-ħajja[48] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €14,330.72 + €17,357.37 / 2 = €15,844.04. Hu dan is-salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dawn l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2016, u ser tinqata' ftit anqas minn tliet snin wara li kien hemm l-ewwel udjenza, filwaqt li ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet.

Bħala perċentwal ta' diżabilità, il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' debilità permanenti ta' tletin fil-mija (30%) kif stabbilit mill-espert mediku maħtur mill-Qorti.

---

[47] *A fol.* 25 tal-proċess.

[48] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika.

Is-salarju medju ta' €15,844.04 x *multiplier* ta' 22, x 30% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €104,570.69, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi €83,656.55 (tlieta u tmenin elf, sitt mija u sitta u ħamsin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu). Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti li għandu jitħallas lill-attur flimkien mas-somma ta' €7,923.60, rappreżentanti danni materjali sofferti minnu, sabiex b'hekk it-total ta' danni li l-konvenut għandu jħallas lill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża huwa ta' wieħed u disgħin elf, ħames mija u tmenin Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€91,580.15).

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fil-25 ta' Mejju, 2012 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħodu (8:15) fit-Triq Rue d'Argens, Gżira, kantuniera ma' Triq Tas-Sliema, Gżira u dan minħabba traskuraġni, imprudenza, non-kuranza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan;**

3. **Tiddikjara li konsegwentement il-konvenut huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-attur;**

4. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma komplessiva ta' wieħed u disgħin elf, ħames mija u tmenin Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€91,580.15);**

5. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.